MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 240/1997/1

Alfred Delia
vs
Direttur tal-Agrikoltura u d-Direttur tas-Servizzi Korporattivi li gie kjamat fir-rikors b'digriet tat-13 ta' Jannar 1999

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u 1985 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni u gie trasferit diversi drabi minghajr raguni valida.

Illi l-fatt tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi meta r-rikorrent spicca mill-iskola primarja (Dok A) huwa mar il-kullegg ta' Santu Wistin fejn ghamel l-Apprentice Classes (Dok B). Billi kellu missieru bir-razzett, iddecieda li ghall-ewwel jahdem mieghu. Ix-

xoghol kien jinkludi trobbija tal-annimali ghall-qatla kif ukoll kien jiehu hsieb ir-raba'.

Illi meta kellu tmintax-il sena sab opportunita' man-N.A.A.F.I. u nghaqad maghhom fejn kien beda jahdem b'kuntratt fil-Germanja fil-Family Shops tas-Servizzi. Wara li ghamel kors fil-Butchery Department ghamel ezami tas-sengha u lahaq butcher (Dok E).

Wara perjodu ta' sentejn ir-rikorrent kien gie offrut biex jaghmel ix-xoghol tal-managers meta jkunu bil-leave. Minhabba li f'dan ix-xoghol ipproduca rizultati sodisfacenti nghata l-grad ta' Butcher Manager (Dok F). Sentejn wara spicca l-hames snin kuntratt u gie lura Malta.

Illi r-rikorrent kien beda jfittex xoghol, izda peress li ma kenitx facli mar jaghmel kors dwar l-istallazzjoni ta' l-elettriku fil-GITC (Dok C). Dak iz-zmien ir-rikorrent kienet gietu l-opportunita` li jidhol fis-servizz civili.

Ir-rikorrent kien dahal mal-Gvern mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1970. Wara xi sentejn kien applika u qaleb ghal mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u ghazel li jmur jahdem il-Biccerija minhabba l-esperjenza li kiseb il-Germanja. Hemmhekk, kien gie promoss ghall-Time Keeper/Recorder u aktar tard f'Lulju 1982 ghall-Agricultural Inspector. Mill-1980 gie mibghut Ta' Kandja.

Minn hemm fl-1982 kien gie posted ghall-Inspectory Service il-Marsa, fejn dam sal-1987 (Dok J). Bejn l-1987 u l-1989 ghamel diversi applikazzjonijiet ghall-Agricultural Officer 1 u 2 (Dok M1 - M3). Dawn il-promozzjonijiet qatt ma hadhom, ghalkemm kien hemm diversi minn shabu li haduhom, u li kellhom l-istess kwalifiki bhal tieghu. Dawk kollha li applikaw mar-rikorrent gew promossi. Fost dawk li kien hemm fost l-ohrajn:

Charlie Mattocks, Joe Aquilina, Alfred Farrugia, Vincent Chetcuti, Joseph Muscat, Michael Micallef, Anthony Borg.

Li kollha gew promossi AO's.

F'Gunju 1987, ir-rikorrent kien gie trasferit ghall-progett "Naddfu Malta" kontra qalbu. Hawn kien inkarigat minn bejn 30 u 40 persuna, waqt li Foremen ohra ma kellhomx aktar minn 4 persuni maghhom (Dok G). Kif appena kien gie trasferit ghal dan il-progett il-Marsa, beda jinghata l-overtime bi hlas, li minhabba t-trasferiment tieghu dan tilfu kollu. Mal-progett Naddfu Malta dam xi sentejn, minn fejn gie trasferit ghall-Extension Service ta' Haz-Zabbar. (Dok H)
Hawn dam xi sena, meta kien rega' gie trasferit ghad-Dipartiment tat-Trade, mal-Price Control Section (Dok J) dipartiment li ma kienx jaqa' taht id-Dipartiment tal-Agrikoltura u fejn ghadu sal-lum.

Minn hemmhekk ghamel course l-Universita' fl-Istrengthening Plant Quarantine Capabilities li kien imniedi mill-FAO (Dok D). Matul dan iz-zmien ghamel diversi applikazzjonijiet biex jintbaghat lura d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura izda t-talbiet tieghu qatt ma gew milqugha. (Dok K).

Ir-rikorrent hass li dawn it-trasferimenti u l-ingustizzji saru mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata promozzjoni ghal Agricultral Officer II mill-1987, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi li eccepixxa:

Illi preliminarjament ir-rikors promotur ma ghandu ebda effett kontra l-intimat stante illi qatt ma gie notifikat bl-istess rikors. Din ir-risposta qed issir mill-intimat ghaliex gie notifikat fl-indirizz tad-dipartiment tieghu.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwix wahdu prova illi saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Illi in kwantu r-rikorrent qed jitlob li jigi ordnat li jinghata promozzjoni ghall-grad ta’ Agricultural Officer II din it-talba ghandha tigi kkunsidrata ai termini ta’ l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, liema artikolu jirregola hatriet li jsiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ghaldaqstant l-intimat jissottometti illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista’ jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi u tad-Direttur ta’ l-Agrikoltura li eccepew:

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma saret ebda distinzjoni indebita fil-konfront tieghu u ghalhekk fil-mertu t-talba tieghu ghandha tigi michuda.

Illi di piu` l-promozzjoni ghal grad ta’ Agricultural Officer hija regolata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku liema agir mhuwiex wiehed sindikabbli.

Ir-rikorrent beda jahdem mal-Gvern fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fid-9 ta’ Gunju 1970 bhala labourer.

Fit-2 ta’ Lulju 1974 gie trasferit mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u hemm beda jaghmel xoghol ta’ biccier fil-biccerija.

Illi f'Awissu 1980 lahaq time keeper u ntbaghat Ta' Kandja.

F'Lulju 1982 lahaq Agricultural Inspector u ntbaghat fil-Marsa Potato Shed. Kien sar Promotion Exercise f'April 1987 u dan mhuwiex mertu tar-rikors odjern u ghalhekk l-intimat mhux ser iwiegeb xejn dwar dan.

Fil-Promotion Exercise li mbaghad applika ghaliha r-rikorrent saret fl-1989 u gie esebit ma' din ir-risposta r-rapport tal-Ministeru ghal zvilupp produttiv tal-14 ta' Novembru 1989 li minnu jirrizulta li Alfred Delia gab 41% u ghalhekk ma kellux punti sufficjenti biex jigi promoss.

In segwitu ghal dan l-ezercizzju fil-11 ta' April 1990 gew mahtura Vincent Chetcuti, Joe Mercieca, Joe Schembri, Joe Bonello, John Sciberras u Emanuel Micallef kif hemm indikat mill-ittra ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru li gie esebit wkoll.

Fl-1994 saret revizjoni tal-gradi fil-post ta' Agricultaral Inspector (Skala 16) li nbidel f'dak ta' Assistant Agricultural foreman (skala 13) b'sehh backdated mill-1 ta' Jannar 1981.

Il-persuni li gew msemmijiet mir-rikorrent kienu s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Charles Mattocks | Senior Agricultural Officer | (Skala 9) |
| Joe Aquilina | Senior Agricultural Officer | (Skala 9) |
| Alfred Farrugia | Senior Agricultural Foreman | (Skala 11) |
| Vincent Chetcuti | Senior Agricultural Foreman | (Skala 10) |
| Joseph Muscat | Senior Agricultural Officer | (Skala 9) |
| Michael Micallef | Assistant Agricultural Foreman | (Skala 13) |
| Anthony Borg | Agricultural Officer | (Skala 10) |

Il-pagi rispettivi ta' dawn l-iskali kienu kif ser jinghad:

| | | |
|---|---|---|
| Skala 9 | Lm4399 x Lm139 | Lm5233 |
| Skala 10 | Lm4186 x Lm126 | Lm4942 |
| Skala 11 | Lm3981 x Lm116 | Lm4677 |
| Skala 13 | Lm3589 x Lm104 | Lm4213 |

Il-promotion exercise li kien imiss kien fl-1996 u ghalhekk dan wkoll mhuwiex sindikabbli minn dan it-Tribunal.

Ir-rikorrent semma il-kampanja “innadfu Malta” u l-intimat jirrileva li l-ufficjali kollha li hadu sehem f’din il-kampanja kellhom tahthom madwar tletin persuna.

Illi in oltre fil-price control section hemm 3 assistant agricultural foremen ohra minbarra s-Sur Delia. Dawn mhumiex transferred izda on loan mad-Dipartiment tat-Trade. Fil-fatt il-paga johduha minghand l-intimat u l-attendenza taghhom tintbaghat lid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura. Xi whud li marru t-trade gew lura d-Dipartiment fosthom Michael Buttigieg, Martin Deguara, u Charles Giordimaina. Dawn kienu kollha assistant agricultural foremen bhar-rikorrenti.

Fil-file m’hemmx talbiet mis-Sur Delia sabiex jigi lura fid-Dipartiment taghna.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Illi fis-16 ta’ Marzu 1999 Dr Peter Borg Costanzi irtira r-risposta li hemm a fol 27 tal-process minhabba li din ormai hija sostitwita minn dik a fol 40 u 41 u l-partijiet jaqblu li ma hemmx eccezzjoni legali izda l-kaz jista’ jigi ezaminat dwar il-mertu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi l-ewwel nett it-Tribunal josserva illi t-talba tar-rikorrent hija dik illi jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata

promozzjoni ghal Agricultural Officer II mill-1987, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jstax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens. Ghalhekk ghalkemm fil-korp tar-rikors jissemmew it-transfers tar-rikorrent xorta wahda fil-fatt it-talba hija limitata ghal promozzjoni.

Illi fit-13 ta' Jannar 1999 (ara fol 34) giet irtirata l-ewwel eccezzjoni tal-process u cioe` li r-rikors promotur ma ghandu jkollu ebda effett kontra l-intimat stante li qatt ma gie notifikat bl-istess rikors.

Dwar it-tielet eccezzjoni illi nghata l-promozzjoni ghal grad ta' Agricultural Officer II u li din it-talba ghandha tigi kkunsidrata a tenur ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta liema artikolu jirregola hatriet li jsiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet John Bilocca kontra d-Dipartiment tas-Sahha deciza minnu fis-7 ta' Mejju 1998 u ghall-istess motivi hemmhekk imsemmija m'hemmx ghalfejn dawn jergghu jigu kkwotati jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat.

Jifdal ghalhekk li tigi studjata l-mertu proprju tal-kawza riferibbilment il-promozzjoni ghal Agricultural Officer.

<u>Ir-rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn semma li hu kien interessat fl-agrikoltura minn mindu kien tifel u meta kellu 18-il sena kien mar il-Germanja u beda jahdem ta' butcher. Kien ghamel kors fuq butchery fil-Germanja u infatti in segwitu lahaq Butchery Manager. Hu kien jahdem bhala supervisor fil-Butchery Department u ghalhekk jorganizza x-xoghol, ordnijiet relatati mal-laham. Inkluz li jissorvelja x-xoghol tan-nies ta' tahtu u t-tmexxija generali tad-Dipartiment tieghu.

Wara 5 snin fil-Germanja, ghalaqlu l-kuntratt u rritorna Malta. Dahal jahdem fic-Civil u minhabba l-esperjenza li kellu fl-1972 intbaghat il-Biccerija fejn beda bhala labourer, imbaghad sar time-keeper/recorder. Ikkonferma l-fatti kollha kif deskritti fir-rikors promotorju tieghu, l-eccezzjoni tal-korrezzjonijiet li gejjin u cioe`: kien fl-1982 li kien mar Ta' Kandja bhala Agricultural Inspector u

hemmhekk kien immexxi l-iStore tal-Korp Izra u Rabbi. Ta’ Kandja kien dam xi sena u kien fl-1983 li gie trasferit ghal gol Marsa Potato Shed, bhala Agricultural Inspector ma’ l-Inspectory Service fejn baqa sa Gunju 1987, meta mbaghad gie trasferit ghal mal-progett Naddfu Malta. Ghalkemm baqa’ mnizzel fir-Registri tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura izda x-xoghol li kien qed jigi koordinat mid-Dipartiment tax-Xogholijiet pubblici. Ilmenta kif kien gie trattat specjalment riferibbilment ghat-transfers.

Semma li hu specjalizzajt f’xoghol konness ma’ l-Agrikoltura u l-annimali. Semma li kull inspector li applika ghal promotion ta’ Agricultural Officer I xi darba jew ohra hadha minbarra hu. Hu semma li dan il-fatt jafhom ghaliex huma ftit fin-numru u kollha jafu lil xulxin. Semma li whud minnhom kellhom kwalifiki u esperjenza anqas minnu u wara li hadu l-grad ta’ Agricultural Officer I hadu wkoll il-grad ta’ Agricultural Officer II u anke ta’ Agricultural Officer IIA. Xi whud hadu wkoll il-grad ta’ Agricultural Officer III. Sostna li sar jaf li ma baqghux johorgu applikazzjonijiet interni ghal Agricultural Officer I u sostna li dan biex jigi evitat li jiehu promozzjoni u bdew johorgu external calls biss ghal Agricultural Officer I u fil-fatt lahqu nies minn barra d-Dipartiment f’dan ir-rigward.

Semma li hu kien anke applika ghal Agricultural Officer II izda kien gie nfurmat li din ma setax jehodha ghaliex l-ewwel ried isir Agricultural Officer I u ghalhekk ma ha xejn.

Ikkonferma li qabel tefa it-tieni applikazzjoni tieghi ghall-promozzjoni f’Ottubru 1994, kien ghamel kors l-Universita’ fuq Plant Quarantine Capabilites, liema kors temmu b’success f’Gunju 1994.

Semma li meta fl-1989 kien gie sekondat mad-Dipartiment tat-Trade, is-Sur Caeser Scerri li kien Acting Director ta’ l-Agrikoltura kien qallu repetutament li qed jaghmel minn kollox biex jerga jiehu lura fid-Dipartiment.

In kontro ezami, ir-rikorrent semma li kien lahaq Agricultural Inspector f’xi 1981, 1982 u kien spicca l-

Marsa Potato Shed. Fl-1989 kien applika ghal Agricultural Officer 1 u dwar il-fatt li gie suggerit lilu kien gab 41% tal-marki qal li hu ma setax jghid kemm gab marki minhabba l-fatt li lilu hadd qatt ma qallu kemm kien gab marki ghax ma rceva ebda ittra u jew rapport dwar dan izda sostna li shabu saru u hu ma sarx. Semma li fl-1994 kienet saret ir-ristrutturizazzjoni u kawza taghha minn Agricultural Inspector sar Assistant Agricultural Foreman. Wara din ir-revizjoni minn minn skala 16 spicca skala 13 bhan-nies kollha li kienu fil-grad tieghu.

Xehed Carmel Abela Senior Agricultural Officer li semma li bejn l-987 u l-1995 kien jahdem id-Dipartiment tal-Agrikoltura u kellu l-kariga ta` Agricultural Officer II u fl-1994 kien sar Agricultural Officer IIA. Hu qal li lir-rikorrent jafu u li dan kien jigi junior tieghu u li kien jahdem fis-sezzjoni allokata lilu.

Ikkonferma d-dokument H a fol 13 mahrug minnu fejn semma li:

“Mr Delia Afred, Assistant Foreman in the Department of Agriculture has always given good service since he joined the Extension Service Section. He is punctual respectful and possesses good managerial skills”.

Xehed Caesar Scerri li llum irtirat. Precedentement kien Direttur tal-Agrikoltura meta lahaq fiha fil-kariga fl-1994. F’xi l-1989 hu kien jahdem bhala Administrative Officer. Ir-rikorrent kien proprjament impjegat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura imma kien seconded it-Trade. Hu kien attira l-attenzjoni tar-rikorrent illi jekk jigi id-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura, sejjer l-ewwelnett jitghallem aktar affarijiet tad-dipartiment, u sekondarjament kien ikollu aktar cans ghall-promozzjoni.

Meta r-rikorrent kien inbaghat it-Trade Department, hu ma kienx mar fuq xi talba tieghu izda minhabba l-esigenzi tas-servizz. Hu kien fil-Price control tad-Department ta’ l-Agrikoltura u ghalhekk il-Kabinett kien ried li kull dipartiment jibghat tnejn, tlieta minn nies f’din is-sezzjoni

halli jkun jista` jaqdi l-funzjonijiet tieghu l-Price Control Section.

Xehed Godwin Cassar li jahdem mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bhala Senior Agricultural Officer li semma li jaf lir-rikorrent fis-sens li r-rikorrent kien jahdem tahtu u li x-xoghol tar-rikorrent kien dejjem sodisfacenti.

Semma illi r-rikorrent kien gieli gie trasferit u proprjament ma kienx jaf ir-raguni ghal dan. Ikkonferma li xi zmien minnhom kien anke indispost.

Xehed Alfred Zammit li llum il-gurnata huwa rtirat izda li spicca fil-kariga ta' Assistant Director tat-Trade u kien in charge mill-control. Spjega li xi zmien minnhom peress li kien in charge mill-control u kellu bzonn ta' nies biex jaghmlu verifiki dwar il-prezzijiet u inspections, kienu baghatulu xi nies mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Lir-rikorrent kien jafu ghax f'dik l-okkazzjoni kien gie trasferit mid-Dipartiment tal-Agrikoltura ghat-Trade u specifikament mas-sezzjoni tieghu.

Semma li lir-rikorrent kien poggieh in charge mill-grupp. Semma li r-rikorrent kien above that type of work. Lir-rikorrent dejjem sabu jahdem ix-xoghol b'mod tajjeb hafna tant illi mhux biss kien jaghmel xogholu izda kull darba li kien ikollu l-problemi anke meta darba minnhom ma setax isib nies biex jahdmulu bil-lejl ir-rikorrent kien jaccetta li jahdimlu bil-lejl. Hu sabu dispost li jobdi u jmur kull fejn jibghatu u kien anke efficjenti.

Xehed Carmel Aquilina Principal fid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Li semma li fl-1989 kienet harget call ghal Agricultural Officer u r-rikorrent ma kienx ghadda, kien gab total ta' 41 minn 100. Imbaghad f'Ottubru 1994 kienet harget call ohra ghal Agricultural Officer I u Delia kien applika tard. Kienet taghlaq fil-21 ta' Ottubru 1994 u kien applika tard.

Fl-1989 kienu gew appuntati 6 izda kienu ghaddew 16. Ir-rikorrent anqas biss kien ghadda. Huwa esebixxa r-

rizultat li gie mmarkat Dokument “YX”. Fuq it-tieni pagna tieghu hemm highlighted bic-celesti isem ir-rikorrent.

Fl-1989 kien hemm 63 applikazzjoni izda 54 interviews minhabba li kien hemm xi nies li ma attendewx jew ohrajn li ma kienux eligibbli. Barra s-16 li ghaddew kien hemm 19 ohra li kienu gew qabel ir-rikorrent. Ghall-interview l-marki kellhom din l-allokazzjoni u cioe`; 25 ghall-esperjenza, 15 ghall-kwalifiki, 20 ghall-personalita` u 40 ghal knowledge of agriculture u dan skond kif jirrizulta fl-ewwel 4 kolonni tar-rapport Dokument “YX”. Ir-rikorrent beda jahdem ma’ l-Agrikoltura fit-2 ta’ Lulju 1974.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-ilmenti tar-rikorrenti jikkoncernaw zewg promotions exercises cioe` dak ta’ l-1994 u dak ta’ l-1989. Riferibbilment ghal dak ta’ l-1994 irrizulta li kienu applikaw 63 impjegat u 4 tard fosthom ir-rikorrent. Kif kienet maghmula c-cirkolari r-rikorrent xorta wahda ma kienx jissodisfa il-klawsola 5 ta’ l-istess cirkolari u l-Union kienet ilmentat dwar din ic-cirkolari li kienet harget b’mod hazin u infatti fl-1994 ma kien intaghazel hadd.

Hawnhekk it-Tribunal jaghmel analogija ghas-sentenza fl-ismijiet Alfred Zammit kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta’ Marzu 1999 fejn riferibbilment ghac-cirkolari 37/92 wara li din kienet giet irtirata t-Tribunal kien hass li ma saret ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghal persuna ghax il-bazi kienet li ma giex pruvat li saru nies ohra b’seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx.

Ghal dawn il-motivi jhoss li ma tirrizulta ebda ingustizzja riferibbilment ghac-cirkolari ghal promotion exercise 1994.

Dwar dak li ghandu x’jaqsam mal-call for applications tal-1989 wiehed ghandu x’jezamina hafna dettalji. Hawnhekk irrizulta li kien hemm 63 applikant li minnhom 54 ghamlu l-interview. 9 fil-fatt lahqu, kien hemm 7 ohra li ghaddew izda li xorta wahda ma gewx moghtija il-promozzjoni.

Kien hemm 19 ohra qabel ir-rikorrent illi gab 41 marka minn 100.

Fil-fatt ir-rikorrent kien inghata 12 minn 25 ghall-esperjenza, 4 minn 15 ghall-kwalifiki, 11 minn 20 ghall-personalita` u 14 minn 40 ghal knowledge of agriculture b’total ta’ 41. Ghalhekk jinkombi fuq it-Tribunal li jezamina jekk l-allokazzjoni ta’ dawn il-marki saritx ingustizzja jew le.

L-intimat isostni li r-rikorrent gie fl-34 posizzjoni ma’ 4 ohra u li ghalhekk hemm qabza kbira ghal dawk li gew moghtija l-promozzjoni. Izda wiehed irid jara jekk hemmx ragunijiet oggettivi biex Delia jinghata l-hatra.

Riferibbilment ghal dawk li ghaddew it-Tribunal ezamina l-aspett ta’ seniority u sab li effettivament 2 biss minn dawk li ghaddew effettivamnet kienu dahlu mas-Servizz Pubbliku wara r-rikorrent u cioe` Vincent Schembri u Joseph Chircop. Ghalkemm kien hemm 5 illi bdew jahdmu mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura wara r-rikorrent u cioe` l-imsemmija Schembri u Chircop kif ukoll Anthony Scicluna, Joseph Farrugia u Carmel Sciortino li f’kwalunkwe kaz gie klassifikat wara Schembri u Chircop. Ghalhekk anke fuq bazi ta’ seniority ir-rikorrent ma jistax ikun jilmenta hlief fil-kaz ta’ Vincent Schembri u Joseph Chircop.

Dwar l-aspett ta’ personalita` fil-marki ukoll anke meta wiehed jikkompara ma’ dawn it-tnejn ma jidhirx li r-rikorrent ghandu fuq x’hiex jilmenta ghax hu gie moghti 11-il marka, Chircop 9 marki u Schembri 12-il marka.

Dwar l-aspett ta’ kwalifiki it-Tribunal jibda biex isib ferm stramb il-fatt kif lil Schembri gew allokati 9 marki ghal kwalifiki meta effettivament dan ma esebixxa ebda certifikat. Ir-rikorrent inghata 4 marki. Fil-fatt Chircop esebixxa certifikati u gie moghti 8 marki izda Chircop ma lahaqx ukoll. Ghalhekk it-Tribunal bilfors ikollu jaghlaq il-provi bejn Delia u Schembri.

Dwar esperjenza Delia gie moghti 12 waqt li Schembri 10 u ghalhekk taht dan l-aspett ukoll ma jistax jilmenta. L-unika aspett illi verament forsi jista' jilmenta fuqu ir-rikorrent hu illi gie moghti 14-il marka bhala knowledge of agriculture waqt illi Schembri gie moghti 24. Izda hawnhekk wiehed josserva illi fil-fatt ir-rikorrent ma gabx provi ta' dan Schembri b'edba mod la permezz ta' xhieda ohra indipendenti u l-anqas billi produca lil dan Schembri stess. Ukoll id-data ta' meta bdew jahdmu fl-Agrikoltura it-tnejn li huma waqt li r-rikorrent kien fl-1972 irrizulta li Schembri kien dahal jahdem l-Agrikoltura fit-12 ta' Frar 1974 u ghalhekk ma hemmx differenzi kbar. Schembri kien fil-grad ta' veterenarian assistant waqt li r-rikorrent kien agricultural inspector.

Illi ghalhekk, meta wiehed iqis li fil-fatt saru 9 minn dawk is-16 li ghaddew u li infatti 7 ghaddew u li l-anqas biss gew moghtija l-promozzjoni; li kien hemm 19-il persuna ohra qabel ir-rikorrent; illi meta dwar ir-rikorrent anke meta wiehed jidhol fl-aspett ta' seniority jifdal biss Vincent Schembri li sar ftit warajh u illi ma gabux provi sufficjenti dwar l-aspetti ta' expierence u knowledge of agriculture riferibbilment ghal Schembri, it-Tribunal ikollu jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat u jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.